MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-2 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 2451/2002

***Golden Harvest Mfg Co. Ltd***

***vs***

***Joseph Micallef***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-14 ta' Ottubru, 2002, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett mija u tlettax-il lira Maltin u hamsa u disghin centezmu (Lm313.95) rappresentanti prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja tad-9 ta' Awissu 2002, u bl-imgahxijiet kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat bl-avviz kif korrett permezz ta' digriet tal-4 ta' April 2003, baqa' ma deherx u l-anqas ma pprezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' l-avukat Dr. Joseph Sammut ghan-nom tas-socjeta' attrici, li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett mija u tlettax-il lira Maltin u hamsa u disghin centezmu (Lm313.95), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------